MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 727/2006

**Talba Nru: 727/06VGD**

Assocjazzjoni GS1 Malta

Vs

George Debattista (Id. 108747M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Assocjazzjoni attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltin (Lm295) rapprezentanti kontribuzzjoni dovuta lilha mill-konvenut ghas-sena 2005 ai termini ta' l-istatut ta' l-istess Assocjazzjoni, u minkejja li l-konvenut gie interpellat ihallas inkluz bl-ittra bonarja datata 2 ta' Frar 2006 huwa

baqa inadempjenti.  Bl-imghaxjijiet dekorribbli mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Assocjazzjoni attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltin (Lm295), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------